# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A. M.A.(Fin. Serv.) LL.D.**

**Seduta tal-llum 27 ta' Ġunju 2024**

**Mario Cassar KI 5082(M)**

**vs**

**Emanuel Caruana KI 673756(M)**

**Numru fil-Lista: 3**
**Rikors Numru: 70/20 NB**

**Il-Bord,**

**I. <u>PRELIMINARI</u>**

**Ra r-Rikors Ġuramentat ta' Mario Cassar KI 5082(M) datat 22 ta' Mejju 2020 fejn ġie premess:**

*1. Illi permezz ta' kuntratt ta' kera datat is-17 ta' Gunju 2017, ir-rikorrent kera lill-intimat il-fond Rose Court, appartament numru wiehed (1), Triq Fra Giammari Zammit, Zurrieq, kif jirrisulta mid-dokument hawn anness u mmarkat DokMC1;*

*2. Illi meta fil-31 ta' Dicembru 2018 skada dan il-kuntratt, il-kontendenti qablu illi l-intimat jibqa' jokkupa l-fond in kwistjoni bil-kera ta' hames mitt Euro (€500) fix-xahar, tithallas kull xahar bil-quddiem.*

*3. Illi inoltre, l-istess rikorrent indipendentement mill-kuntratt fuq citat jikri lill-intimat Emanuel Caruana garaxx bin-numru mhux ufficjali tlieta (3), liema garaxx huwa sottopost ghall-blokka ta' appartmenti fuq imsemmija, bil-kera ta' hamsin Euro (€50) fix-xahar, pagabbli kull xahar bil-quddiem.*

*4. Illi l-intimat ilu diversi drabi li waqa' moruz fil-hlas ta' kera kemm tal-appartament fuq citat kif ukoll tal-garaxx, b'dan illi l-kera tax-xhur ta' Jannar 2020, Frar, 2020 u Marzu 2020, illi komplessivament ghaz-zewg fondi, jammontaw ghal elf sitt mija u hamsin Euro (€1650), ghadha dovuta.*

*5. Illi tul l-okkupazzjoni tieghu fil-fond de quo sal-31 ta' Dicembru 2019, huwa naqas milli jhallas bilanc mill-kontijiet in konnessjoni mal-konsum ta' dawl u ilma ammontanti ghal hames mija u disgha u ghoxrin Ewro u seba' centezmi (€529.07), kif ser jirrisulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*6. Illi minkejja nterpellat diversi drabi, nkluz bl-ittra tas-6 ta' Marzu 2020 biex ihallas dak minnu dovut kif ukoll biex jizgombra mill-fond u jirritorna c-cwievet taz-zewg proprietajiet, huwa baqa' inadempjenti.*

*7. Illi fil-fehma tar-rikorrent, u sa fejn jaf hu, l-intimat Emanuel Caruana m'ghandux difiza xi jressaq ghal dawn it-talbiet.*

*8. Illi r-rikorrent jaf b'dawn il-fatti dikjarati personalment.*

*Ghaldaqstant u ghar-ragiunijiet fuq esposti, r-rikorrent umilment jitlob illi Dan il-Bord sabiex joghgbu;*

*1. Jilqa' t-talba sabiex dan ir-rikors jigi trattat bi procedura sommarja u minghajr ma jghaddi ghas-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*2. Jordna l-izgumbrament ta' Emanuel Caruana mill-fond mikri, ossia, Rose Court, appartament numru wiehed (1), Triq Fra Giammari Zammit, Zurrieq, kif ukoll il-garaxx bin-numru mhux ufficjali tlieta (3) sottopost ghall-istess blokka ta' appartamenti u jirritorna c-cwievet relativi, entro terminu qasir u perentorju;*

*3. Jiddikjara lill-konvenut Emanuel Caruana debitur tal-attur fis-somma komplessiva ta' elf sit mija u hamsin Euro (€1650), kwantu elf u hames mitt Euro (€1500) ghal arretrati ta' kera ghax-xhur ta' Jannar, Frar u Marzu 2020 tal-appartament Rose Court, appartament numru wiehed (1), Triq Fra Giammari Zammit, Zurrieq, u kwantu ghas-somma ta' mija u hamsin Euro (€150) ghal*

*arretrati ta' kera ghax-xhur ta' Jannar, Frar u Marzu 2020 tal-garaxx sottopost ghall-istess blokka ta' appartmenti*

*4. Jordna lil konvenut Emanuel Caruana jhallas is-somma komplessiva ta' elf sit mija u hamsin Euro (€1650), kwantu elf u hames mitt Euro (€1500) ghal arretrati ta' kera ghax-xhur ta' Jannar, Frar u Marzu 2020 tal-fond Rose Court, appartament numru wiehed (1), Triq Fra Giammari Zammit, Zurrieq, u kwantu ghas-somma ta' mija u hamsin Euro (€150) ghal arretrati ta' kera ghax-xhur ta' Jannar, Frar u Marzu 2020 tal-garaxx sottopost ghall-istess blokka ta' appartmenti; liema obbligu ta' hlas ta' kera u/jew okkupazzjoni jibqa' jissussisti sal-jum tal-izgumbrament effettiv.*

*5. Jiddikjara lil konvenut Emanuel Caruana debitur tal-attur fis-somma ta' hames mija u disgha u ghoxrin Ewro u seba' centezmi (€529.07), rappresentanti kontijiet ta' konsum tas-servizzi ta' dawl u ilma tul l-okkupazzjoni tieghu fil-fond de quo sal-13 ta' Dicembru 2019;*

*6. Jordna lil konvenut Emanuel Caruana jhallas is-somma ta' hames mija u disgha u ghoxrin Ewro u seba' centezmi (€529.07), ghall-kontijiet ta' konsum ta' elettriku u ilma kif intqal fuq, liema obbligu ta' hlas ta' kontijiet ulterjuri relatati mal-konsum tas-servizzi ta' dawl u ilma jibqa' jissussisti sal-jum tal-izgumbrament effettiv;*

*Bl-ispejjes u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

**Ra l-verbal tas-seduta tal-5 ta' Ottubru 2020[1] fejn wara li sema' trattazzjoni dwar it-talba biex il-każ jinstemgħa bid-dispensa mis-smiegħ il-Bord qies li l-intimat ma kellux eċċezzjonijiet validi xi jressaq u filwaqt li ordna l-isfilz tar-risposta tal-intimat ippreżentata fil-15 ta' Settembru 2020 għadda biex iddeċieda l-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikors promotur billi ordna l-iżgumbrament tal-intimat mill-ambjenti in meritu fi żmien xaharejn filwaqt li ordna li l-kawża titħalla għas-smiegħ dwar il-kumplament tat-talbiet.**

**Ra s-sentenza tal-Bord diversament presjedut tal-5 t' Ottubru 2020 li biha laqa' l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi w ordna l-iżgumbrament tal-intimat mill-ambjenti in meritu fi żmien perentorju ta' xaharejn. Bl-ispejjeż kontra l-intimat. Il-Bord ordna li l-kawża titħalla għas-smiegħ dwar il-kumplament tat-talbiet.**

**Ra l-verbali tas-seduti.**

[1] Fol 39 – 40

**Ra l-atti proċesswali kollha.**

**Ra li din il-kawża ġiet assenjata lil dan il-Bord kif presjedut in forza ta' Ordni tal-Prim' Imħallef, S.T.O. Mark Chetcuti, tas-27 ta' Lulju 2021.**

**Ra n-Noti ta' Osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet u ċioe dik tar-rikorrenti ppreżentata fil-15 ta' Novembru 2023 (fol 160 *et seq*) u dik tal-intimat ippreżenatata fil-11 ta' Jannar 2024 (fol 170 *et seq*).**

**Ra li l-kawża tħalliet għallum għas-sentenza.**

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Din hija sentenza limitatament għat-talbiet numru tlieta, erba', ħamsa u sitta u dana wara li permezz ta' sentenza mogħtija minn dan il-Bord diversament presedut fil-5 ta' Ottubru 2020 l-Bord laqa' l-ewwel u t-tieni talba u ordna l-iżgumbrament tal-intimat mill-fond Rose Court, Flat 1 fi Triq Fra Ġiammari Zammit, Żurrieq kif ukoll mill-garaxx numru 3 sottopost għall-istess blokka.

Permezz tat-talbiet rimanenti r-rikorrenti qiegħed jitlob (i) kundanna għall-ħlas tal-arretrati ta' kera għax-xhur ta' Jannar, Frar u Marzu 2020 tal-appartament fl-ammont kumplessiv ta' €1,500 u l-arretrati għall-istess xhur tal-garaxx fl-ammont kumplessiv ta' €150 li flimkien jagħmlu €1,650 oltre għal ħlas ta' kera jew kumpens għall-okkupazzjoni sad-data tal-iżgumbrament effettiv u (ii) kundanna għall-ħlas għas-servizzi tad-dawl u ilma sat-13 ta' Diċembru 2019 fl-ammont ta' €529.07 oltre għall-ammont dovut sad-data tal-iżgumbrament.

Mill-provi prodotti jirriżulta li hemm qbil bejn il-partijiet li l-kera tal-appartament kienet ta' €500 fix-xahar u dik tal-garaxx kienet ta' €50 fix-xahar. **Ir-rikorrenti xehed fis-seduti tal-5 ta' Ottubru 2020 (fol 41 sa 46) u tat-28 ta' Ottubru 2020 (fol 69 sa 80)** li l-intimat waqa lura fil-ħlas tal-kera dovuta għax-xhur minn Jannar sa Marzu 2020. L-intimat ġie nterpellat iħallas permezz ta' żewġ ittri legali datati 6 ta' Marzu 2020 u 27 ta' Marzu 2020 (Dok MC2 u MC1 – fol 49 u 47). Huwa ppreżenta tlett ċedoli fir-Reġistru tal-Qorti li jkopru l-kirjiet mill-1 ta' April 2020 sal-1 ta' Lulju 2020 (fol 100 sa 107). Spjega li għall-irċevuti kien jinżammu żewġ karti, waħda kienet tingħata lill-intimat u l-oħra kienet tinżamm mir-rikorrenti u t-tnejn li huma kienu jiġu ffirmati (Dok. MC6 – fol 53).

In kwantu għall-kontijiet tad-dawl u l-ilma dawn kienu jingħaddew lill-intimat personalment, il-kontijiet pendenti minn Frar 2019 kienu ntbagħtu wkoll b'Whatsapp (Dok. MC7 sa MC14 – fol 54 sa 61) u li jammontaw għal €529.07 mid-9 ta' Frar 2019 sat-13 ta' Diċembru 2019 (Dok. MC15 sa MC19 – fol 81 sa 90). Peress li l-fond huwa mgħammar minn sistema fotovoltajika l-kontijiet ma

jirriflettux il-konsum. B'hekk ir-rikorrenti kien jaħdem l-ammont li pproduċew il-pannelli u joħroġ il-konsum tal-intimat li kien jitniżżel fit-tieni paġna tal-kont li bejn wieħed u ieħor kien jammonta għal €100 kull xahar. Miż-żewġ recordings ta' telefonati bejn il-partijiet f'Jannar 2020 u Marzu 2020 (Dok. MC20 – fol 91) l-intimat ammetta li kellu arretrati dovuti.

**<u>L-intimat xehed permezz ta' affidavit (fol 141)</u>** li huwa dejjem ħallas il-kera dovuta iżda mhux dejjem kien jingħata l-irċevuta tal-ħlas. Huwa dejjem ħallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma u kien jgħaddi l-flus direttament lir-rikorrenti. F'dan ir-rigward qatt ma rċieva rċevuta. Xehed li r-rikorenti kienet għalaq is-sistema tal-ilma lejn l-aħħar tas-sena 2020 iżda hu xorta waħda għamel sitt xhur jgħix fl-appartament sakemm ma sab residenza alternattiva.

**<u>In kontro-eżami fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2021 (fol 144A sa 144I) xehed</u>** li fil-bidu kien jirċievi rċevuti ffirmati mir-rikorrenti imbagħad bdiet tinżamm it-tabella a fol 53 li kien jiffirmaha r-rikorrenti iżda rċevuta ma kienetx tingħata. Minkejja dan huwa qatt ma kien iħallas b'ċekk jew *bank draft* u lanqas iddepożita l-kirjiet fir-Registru tal-Qorti. Xehed li fis-sitt xhur li għamel mingħajr ilma kellu servizz tad-dawl. Ikkonferma li kien talab lir-rikorrenti jtih ċans iħallas l-arretrati ta' kont wieħed kif ukoll ikkonferma li żgombra mill-fond fl-aħħar ta' Mejju 2021 u sas-seduta tat-22 ta' Novembru 2021 kien għadu jokkupa l-garaxx. Permezz ta' żewġ ittri legali datati 11 ta' Marzu 2020 (fol 147) u 23 ta' Marzu 2020 (fol 149) l-intimat interpella lir-rikorrenti dwar in-nuqqas ta' rċevuti u dwar nuqqasijiet oħra fl-appartament inkluż is-sospensjoni tas-servizzi tal-ilma fil-fond.

**IKKUNSIDRA**

Il-Bord josserva li għandu quddiemu żewġ verżjonijiet kunfliġġenti. Fuq kwistjoni ta' kunflitt ta' provi jingħad li:-

*Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt (fil-verżjonijiet mogħtija tal-partijiet) għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola tal-in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha .... Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u speċjalment dwar il-konsistenza u verosomiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke' fuq il-bilanċ tal-probabilita' u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant.... . Anzi, f'kazijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verżjoni u oħra, aktar tidher*

*il-possibilita' tal-qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti." [Prim'Awla, Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia, 24 ta' Novembru 1966, per Imħallef Maurice Caruana Curran].*

Meta qorti jew bord ikunu rinfaċċjati b'żewġ verżjonijiet kunfliġġenti, kif intqal fil-kawża fl-ismijiet **Maria Xuereb et vs Clement Gauci et** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Marzu 2004 (Appell Civili Numru. 290/2001/1 PS), il-Qorti jew il-Bord għandhom ikun gwidati minn żewġ prinċipji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemhom u ċjoe li:

(i) jagħrfu jisiltu minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra u,

(ii) fin-nuqqas, tiġi applikata l-massima *actore non probante reus absolvitur.*

Fi kliem iehor għandu jiġi eżaminat jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ ta' probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawzi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konviċiment tal-ġudikant.

Applikati dawn il-prinċipji għall-provi mressqa f'dawn il-proċeduri, jirrizulta li l-verżjoni tal-intimat ġiet kontradetta minnu stess. Il-Bord jaqbel mas-sottomissjonijiet tar-rikorrenti li l-intimat l-ewwel xehed li huwa dejjem ħallas il-kera dovuta u dan sakemm ġie kkonfrontat bir-*recording* fejn jammetti li kien waqa lura fil-ħlasijiet tal-kera. Dan ir-*recording* ma ġiex ikkontestat. Il-kontradizzjoni tirriżulta wkoll fix-xhieda tiegħu dwar il-kontijiet tad-dawl u l-ilma. Huwa xehed li dawn qatt ma ngħaddew lilu iżda mill-provi mressqa mir-rikorrenti jirriżulta li dawn saħansitra ngħaddewlu tramite *Whatsapp* f'Jannar 2020 – prova oħra li ma ġietx ikkontestata mill-intimat.

Apparti dawn il-kontradizzjonijiet, il-Bord diffiċilment jemmen li l-intimat qatt ma ngħadda l-biċċa l-kbira tal-irċevuti tal-kera u kontijiet tad-dawl u l-ilma u dan meta wieħed iqis li tul it-tlett snin li l-intimat okkupa l-appartament u l-garaxx qabel ma nbdew dawn il-proċeduri, ma ħax azzjoni fil-konfront tar-rikorrenti minħabba tali allegat nuqqas ta' rċevuti jew għaliex ma kienx jingħata l-kontijiet għas-servizzi tad-dawl u l-ilma. Min-naħa l-oħra l-provi mressqa mir-rikorrenti baqgħu dejjem konsistenti u bl-ebda mod ma kkontradixxew lil xulxin. B'hekk il-Bord iqis li għandha mis-sewwa l-verżjoni tal-attur.

Fir-rigward tal-likwidazzjoni tal-ammonti dovuti mill-intimat lir-rikorrenti dawn għandhom jiġu kkalkulati fis-segwenti ammonti:-

- ***Arretrati ta' kirjiet u kumpens għall-okkupazzjoni***

Il-partijiet qablu li l-kera tal-appartament kienet ta' €500 fix-xahar u dik tal-garaxx kienet ta' €50 fix-xahar. B'hekk il-kera dovuta għall-appartament għax-xhur ta' Jannar 2020, Frar 2020 u Marzu 2020 tammonta għal €1,500 fir-rigward tal-appartament u €150 fir-rigward tal-garaxx li flimkien jammontaw għal €1,650.

Fir-rikors promotur ir-rikorrenti jitlob li l-obbligu tal-ħlas jibqa' jissussisti sal-iżgumbrament effettiv. Hemm qbil bejn il-partijiet li l-intimat żgombra mill-appartament fl-aħħar ta' Mejju 2021. Naturalment mill-ammont dovut għandhom jonqsu l-kirjiet iddepożitati mill-intimat permezz ta' tlett ċedoli. Fir-rigward tal-garaxx mix-xhieda tal-intimat jirriżulta li sas-seduta tat-22 ta' Novembru 2021 huwa kien għadu jokkupa l-garaxx iżda fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-attur jgħid li kien ġie esegwit il-Mandat ta' Żgumbrament 1757/2020 fl-14 ta' Ġunju 2021. Għalhekk fir-rigward tal-garaxx il-Bord ser jikkalkula l-kumpens sa din id-data ossia sal-14 ta' Ġunju 2021.

| Xahar | Appartament | Garaxx |
|---|---|---|
| April 2020 | Ammont depożitat permezz taċ-ċedola 797/2020 – fol 101 | Ammont depożitat permezz taċ-ċedola 797/2020 – fol 101 |
| Mejju 2020 | Ammont depożitat permezz taċ-ċedola 1307/2020 – fol 107 | Ammont depożitat permezz taċ-ċedola 1307/2020 – fol 107 |
| Ġunju 2020 | Ammont depożitat permezz taċ-ċedola 1846/2020 – fol 104 | Ammont depożitat permezz taċ-ċedola 1846/2020 – fol 104 |
| Lulju 2020 | €500 | €50 |
| Awwissu 2020 | €500 | €50 |
| Settembru 2020 | €500 | €50 |
| Ottubru 2020 | €500 | €50 |
| Novembru 2020 | €500 | €50 |
| Diċembru 2020 | €500 | €50 |
| Jannar 2021 | €500 | €50 |
| Frar 2021 | €500 | €50 |
| Marzu 2021 | €500 | €50 |
| April 2021 | €500 | €50 |
| Mejju 2021 | €500 | €50 |

| | | |
|---|---|---|
| Ġunju 2021 | - | €23.33*[2] |
| **Sub-Total** | €5,500 | €573.33 |
| **Total** | €6,073.33 | |
| **Jannar 2020 sa Marzu 2020** | + €1,650 | |
| **TOTAL** | **€7,723.33** | |

Ghaldaqstant il-Bord qed jillikwida l-ammont dovut mill-intimat rappreżentanti arretrati ta' kirjiet u kumpens sad-data tal-iżgumbrament fl-ammont ta' **€7,723.33** u mhux €9,263.76 kif mitlub mir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu.

- ***Konsum tal-elettriku u ilma***

Dwar il-konsum għas-servizzi tad-dawl u l-ilma ir-rikorrenti qiegħed jitlob il-konsum li jirriżulta mill-kontijiet sat-13 ta' Diċembru 2019. Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-intimat jirreklama ammont dovut sa Novembru 2020. Peress li l-appartament hu mgħammar b'sistema fotovoltajika ir-rikorrenti jikkaluka l-kontijiet billi jgħodd il-kirjiet, il-konsum u imbagħad minnhom inaqqas l-eco-riduzzjoni li jwassal għas-segwenti ammonti:-

| **Perijodu** | **Konsum** |
|---|---|
| Frar 2019 sa April 2019 | €87.22 |
| April 2019 sa Ġunju 2019 | €108.17 |
| Ġunju 2019 sa Awwissu 2019 | €119.35 |
| Awwissu 2019 sa Ottubru 2019 | €102.33 |
| Ottubru 2019 sa Diċembru 2019 | €112 |
| **Sub-total** | **€529.07**[3] |
| Diċembru 2019 sa Frar 2020 | €92.82 |
| Frar 2020 sa April 2020 | €85.81 |
| April 2020 sa Ġunju 2020 | €55.63 |
| Ġunju 2020 sa Awwissu 2020 | €64.85 |
| Awwissu 2020 sa Ottubru 2020 | €65.81 |
| Ottubru 2020 sa Novembru 2020 | €46.22 |
| **Sub-Total** | **€411.14**[4] |
| **Total** | **€940.21** |

[2] €50 ÷ 30 ġurnata x 14-il jum = €23.33
[3] Dan jirrappreżenta l-ammont indikat fir-rikors promotur riżultanti minn Dok MC 15 sa MC 19 – fol 81 sa 90
[4] Dan jirrappreżenta l-ammont ulterjuri riżultanti minn Dok CB 1 sa CB 6 – fol 109 sa 120

Għalkemm fir-rikors promotur l-attur jitlob il-ħlas tal-kontijiet tad-dawl u ilma sal-iżgumbrament effettiv u mill-provi ħareġ li l-intimat żgombra mill-appartament fl-aħħar ta’ Mejju 2021 filwaqt li kwantu għall-garage l-attur jgħid li l-Mandat ta’ Żgumbrament numru 1757/2020 ġie esegwit fl-14 ta’ Ġunju 2021, fin-nota ta’ sottomissjonijiet tiegħu huwa jillimita t-talba tiegħu in kwantu għall-konsum ta’ dawl u ilma sa Novembru 2020. Fil-fatt il-kontijiet minnu esebiti jwasslu proprju sa Novembru 2020. Għalhekk il-Bord ser jillimita ruħu sa dan il-perijodu. Mill-provi sottomessi jirriżulta li l-ammont reklamat mill-attur in kwantu konsum ta’ dawl u ilma huwa dovut u sopportat mill-kontijiet esebiti. Għaldaqstant il-Bord sejjer jikkundanna lill-intimat iħallas l-ammont li jirriżulta dovut sa Novembru 2020 ossia s-somma ta’ **€940.21** skond it-tabella fuq indikata.

## III. KONKLUŻJONI

Għal dawn ir-raġunijiet il-Bord qiegħed jiddisponi mill-kumplament tat-talbiet f’din il-kawża billi:-

**1.** Jilqa’ t-tielet talba.

**2.** Jilqa’ limitatament r-raba’ talba fis-sens illi jordna lill-konvenut iħallas lir-rikorrenti s-somma komplessiva **ta’ sebat elef seba mija tlieta u għoxrin Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€7,723.33)** rappreżentanti arretrati ta’ kirjiet u kumpens għall-okkupazzjoni u dan kif indikat aktar il-fuq f’din is-sentenza fis-sezzjoni intitolata ‘***arretrati ta’ kirjiet u kumpens għall-okkupazzjoni***’.

**3.** Jilqa’ l-ħames talba.

**4.** Jilqa’ limitatament is-sitt talba fis-sens illi jordna lill-konvenut iħallas lir-rikorrenti s-somma komplessiva **ta’ disa mija u erbgħin Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€940.21)** rappreżentanti ammont dovut għall-konsum tal-elettriku u ilma u dan kif indikat aktar il-fuq f’din is-sentenza fis-sezzjoni intitolata ‘***konsum tal-elettriku u ilma***’.

Bl-ispejjeż kollha, inkluż tal-ewwel sentenza, a karigu tal-intimat.

**Moqrija.**

**Noel Bartolo**
**Maġistrat**

**Marisa Bugeja - Deputat Reġistratur** **27 ta’ Ġunju 2024**